# TOPONOMI
## T'GĦAJNSIELEM 2

Joseph Caruana

**Fit-taħdit tagħna nsemmu bosta ismijiet ta' postijiet (toponomi) li tant huma biċċa waħda mill-ħajja tagħna ta' kuljum u li tant drajnihom għax kbirna magħhom minn żgħar, li lanqas biss naghtu kas tagħhom jew jiġi f'moħħna nistaqsu jew naħsbu biss mnejn ġew jew kif tnisslu l-ismijiet tagħhom. Din hi t-tieni parti ta' lista ta' ismijiet ta' postijiet, magħrufa fost in-nies t'Għajnsielem.**

#### TA' SANT ELIJU/SANT'ELIJA

Post fil-għoli, fit-tarf tal-irdum fuq ir-riħ tal-Fessej, u tidħol għalih mit-triq tal-Brieghen. Sant'Elija kien profeta kbir minn Iżrael, u kien imtella' s-sema fuq karru tan-nar. Fuq xi pjanti antiki, dan il-post jidher bħala "San Teodoru". Fl-antik kien hemm kappella ddedikata li Sant'Elija, mibnija mill-familja Maħnuq. Ġiet ipprofanata fis-sena 1657.

#### TA' MATTJELU

L-art imdawra, ċċirkondata minn Triq Cordina u Triq l-Imġarr. Mattjelu x'aktarx li hu xi isem ta' persuna.

#### IĊ-ĊENS TAL-GĦARUS

L-art imdawra minn Triq Cordina, Triq ta' Brieghen, u l-irdum ta' fuq ix-Xatt l-Aħmar.

#### TAĦT IL-BELT

L-art li tiġi taħt Forti Chambray in-naħa tal-polvrista, u fuq ir-riħ tax-Xatt l-Aħmar. Il-post jissejjaħ hekk għax jiġi taħt Chambrey, li kellha tkun il-belt il-ġdida. Agius de Soldanis, fil-ktieb tiegħu *Il Gozo Antico e moderno sagro e profano* jsemmi żewġ postijiet li jiġu x'imkien lejn Ras it-Tafal. Dawn



Il-knisja ta' Sant'Antnin ta' Padova - Ritratt meħud għall-ħabta tal-1910

huma "Il-Plajja tal-Ġbejjel" u "Tat-Twaġen. Din tal-aħħar kienet waħda mill-għases tal-baħar. Tat-Twaġen isemmih ukoll il-Professur Wettinger fil-ktieb tiegħu *Place-Names of the Maltese Islands 1300-1800.*

#### IT-TOMBA TAX-XATT L-AĦMAR

Dik ir-ras kollha tafal li tiġi minn taħt il-gardjola ta' Chambrey sa fuq ir-riħ tal-Futma. Tomba fil-każ tagħna tfisser għolja żgħira jew ħotba t'art.

#### RDUM IT-TAFAL/ĠOR-RDUM

L-irdum kollu minn taħt il-gardjola ta' Chambrey sa fejn jiġi fuq ir-riħ tal-port tal-Imġarr. Rdum huwa ħaġar u ġebel imġarraf li matul iż-żmien jinqata' mit-tarf ta' xi sies u jifforma ġenb imħarbat u għan-niżla ġeneralment ma' xatt il-baħar. Fil-każ tagħna, peress li l-bażi ta' dan l-irdum huwa tafli, ħa ismu minn hekk.

#### RAS IT-TAFAL

Il-post fejn hu mibni l-Forti Chambray. Msejjaħ hekk minħabba li l-post hu kollu tafal.

#### L-ISKOLL TAL-GĦASAFAR

Skoll blat kbir li kien hemm fil-baħar wara l-*breakwater* l-antik. Illum m'għadux jidher billi ġie mirdum bil-*breakwater* il-ġdid.

#### IL-ĠNIEN TAL-IMĠARR

Ir-raba' u l-għelieqi kollha li jibdew minn taħt is-swar tal-Forti Chambray minn fejn jiżbokka l-foss, jibqa' għaddej minn taħt ir-riħ tal-knisja ta' Lourdes, u jibqa' sejjer sa fejn jgħaddi Wied Biljun in-naħa taż-Żewwieqa. Dan ir-raba' huwa għammiel ħafna għax hu mkennen u fih ħafna ilma u għalhekk hu raba' saqwi u fertili.

#### L-IMĠARR/IX-XATT

Għalina n-nies t'Għajnsielem, l-Imġarr huwa dak il-qasam art li jinfirex mill-Forti Chambray saż-Żewwieqa, u jinkludi wkoll il-port. Jidher li dari kien jinkludi wkoll lil dawk l-inħawi li llum jiffurmaw ir-raħal t'Għajnsielem. Dan peress li l-Imġarr, kemm bħala post kif ukoll bħala isem, huwa eqdem mir-raħal. Fil-fatt f'xi kuntratti antiki nsibu *Santa Cecilja del Mugiarro; Sancta Cilia del Muggiarro*, li jwassalna naħsbu li d-distrett tal-Imġarr kien jasal sal-art fejn hemm il-kappella ta' Santa Ċeċilja. Li l-Imġarr huwa antik huwa naturali minħabba li kien u għadu l-port l-ewlieni t'Għawdex, u kull kummerċ ma' Malta u ma' barra jrid jgħaddi minnu.

Il-kelma Mġarr jagħtuha diversi tifsiriet. Fost l-oħrajn insibu li tfisser post mnejn iġġorr u minn fejn isir il-ġarr. Wettinger ma jaqbilx ma' din

it-tifsira iżda jgħid li Mġarr hija l-plural ta' "miġra", nixxiegħa t'ilma.

Popolarment, il-poplu tagħna meta jirreferi għall-Imġarr, aktar jirreferi għalih bħala "x-Xatt". U meta ssemmi x-Xatt ifisser ix-xatt tal-Imġarr bħala x-xatt ewlieni tal-gżira. Fil-kitba uffiċjail dejjem jitniżżel Mġarr. Il-ftit distinzjoni li nagħmlu bejn ix-xatt u l-Imġarr hija li meta ngħidu x-Xatt inkunu qed nirreferu għall-inħawi ta' fejn hemm il-moll tal-vapuri sa fejn hemm id-dgħajjes tas-sajjieda, u dan naturali minħabba li xatt tfisser xifer l-art lit miss mal-baħar.

**IĊ-ĊIKKEN**

Il-parti l-aktar imkenna bil-bajja/port tal-Imġarr. Dik il-part li tiġi biswit il-*Gleneagles Bar*. Ċikken tfisser biċċa art imdawra b'irpar jew ċint biex fiha jinżammu l-bhejjem, bħalma huma nagħaġ, mogħoż, eċċ. Jista' jkun li ħa ismu billi fl-antik hawn kien hawn parti mill-art imdawra b'irpar tal-ħadid għamla ta' rixtellu li jista' jkun li fl-imgħoddi kienet tintuża biex fiha jinżammu l-bhejjem sakemm jitgħabbew fuq id-dgħajjes tal-latini biex iġorruhom lejn Malta. Jista' jkun ukoll li ħa ismu mill-fatt li din il-parti hija l-aktar post kenni fl-Imġarr.

**IL-FAĦLEJN**

Il-post fejn jiżbokkaw żewġ widien: Ta' Martin, u Wied ir-Rajjes fil-port tal-Imġarr. Faħal, barra tifsir ieħor, għandha wkoll it-tifsira li jidher li taqbel xi ftit mal-post tagħna. Faħal huwa ħammiela fejn jitħawlu x-xitel u li jkun bejn sieqja u oħra, għamla ta' gifun. Fil-fatt f'dan il-post hemm għalqa, parti mill-Ġnien tal-Imġarr, li tifred il-wied ta' Martin minn Wied ir-Rajjes, li hi speċi ta' faħal bejn iż-żewġ widien. Din l-għalqa minn dejjem kienet titqassam f'iħfla biex iħawlu x-xitel.

**TAĦT IT-TANK**

Dik il-parti li tiġi bejn il-Faħlejn u ż-Żewwieqa. Ħa ismu mill-post li kien jintuża għall-ħażna ta' tankijiet tal-pitrolju. Illum dan il-post reġa' nbena mill-ġdid iżda parti minnu tintuża bħala residenza.

**IR-RAMLA TAŻ-ŻEWWIEQA**

Il-bajja ramlija taħt il-ġnien u r-raba' taż-żewwieqa fejn jiżbokka Wied Biljun. Ħadet isimha mill-ġnien u r-raba' li jiġi fuq ir-riħ tagħha. Dari kienet tajba u mfittxa ħafna għall-għawm.

**TAŻ-ŻEWWIEQA**

Qasam art li jinkludi r-raba' u l-irdum fuq ir-riħ tar-ramla taż-Żewwieqa li jibda minn Wied Biljun sal-Blata l-Bajda. Din l-art kienet tifforma parti mill-Baronija De Piro. Żewwieqa ġejja minn żewwaq jew mżewqa għalhekk ħaġa mżewqa jew mimlija kuluri. Ismijiet oħra li nsibu fl-istess qasam t'art huma Ġebel Taż-Żewwieqa, u l-Blata taż-Żewwieqa. It-toponomu "seuaca" nsibuh sa mill-1534. Insibuh ukoll bħala Zeueca u Zeuecha.

**IL-BLATA TAŻ-ŻEWWIEQA**

Blata kbira li għadha tidher sal-lum fil-qasam taż-Żewwieqa bejn Ħaġret iċ-Ċawl u Wied Biljun. Din il-blata hi merfugħa 'l fuq u tidher tiddomina fil-post fejn tinsab. Il-Kommendatur Gio Fran Abela jsemmiha fil-ktieb tiegħu Della Descritione di Malta.

**IL-FAWWARA**

Parti mill-kosta ftit aktar 'il ġewwa mill-bajja taż-Żewwieqa. Fawwara hija nixxiegħa t'ilma.

**IL-ĦAWLIJA**

Bajja ċkejkna bir-ramel ftit iżjed 'il ġewwa mill-Fawwara. Ħawlija tfisser art li ma tagħti ebda frott.

**DAĦLET TAL-BOMBLU**

Mogħdija li tibda minn Triq iż-Żewwieqa u tinżel u tifred l-Irdum tal-Bandu mir-raba' tal-Bomblu. Bomblu huwa għamla ta' żir jew ġarra tal-fuħħar b'għonq dejjaq u żaqq usa fejn jinżamm l-ilma biex jibqa' frisk. Hawnhekk użata aktarx bħala laqam.

**FUQ IT-TORRI**

Il-promontorju li jiġi bejn Wied Biljun u l-Wied ta' Martin, fuq ir-riħ taż-Żewwieqa, fejn inbniet il-lukanda L-Imġarr. Jissejjaħ hekk billi fuq dan il-post kien hemm it-Torri Garzes, li nbena fl-1605. Il-Granmastru Marino Garzes ħalla l-flus biex jinbena dan it-torri u fil-fatt inbena wara mewtu, fi żmien il-Granmastru Alof de Wignacourt.

**IL-QORTIN TAL-IMĠARR**

Il-post fejn illum hemm mibnija l-knisja ta' Lourdes u d-dar tat-tfal iltiema *Lourdes Home*. De Soldanis jgħid li fl-antik f'dan il-post kien jista' jsir insib għas-seqer. Qortin tfisser art għolja, wieqfa fuq naħa u nieżla fit-tul għal xejn fuq l-oħra; għamla ta' ħajt jew sur tal-blat, naturali jew mibni. Ir-raba' ta' fuq qortin x'aktarx ikun b'ħamrija baxxa li ma tantx iżżomm kultivazzjoni.

**FUQ IL-BEJLIK**

Dan il-post jaħbat bejn Triq Sant'Antnin u Triq il-Ħamri, mal-ġenb ta' fejn hemm il-*Grand Hotel*, u tista' tidħol għalih minn Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Ħamri, jew titla' mit-taraġ li hemm min-naħa ta' fuq tal-*Grand Hotel*. Il-kelma *Bejlik* tfisser titlu antik ta' bniedem ta' awtorita' fil-



**Ħjiel ta' kif kien it-Torri Garzes** — *Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta*

gvern li għandu l-jedd imexxi, per eżempju uffiċċju, riġment, mirkeb, belt. Eċċ. Rajjes, kaptan, mexxej. Din il-kelma aktarx li ġejja mill-kelma antika *baiulus* (Latin Medjevali) li tfisser uffiċjal lokali li kellu s-setgħa jaqta' kwistjonijiet bejn il-bdiewa dwar talbiet ta' ħlas ta' Danni u oħrajn. Fil-każ tagħna, iżda, aktarx kien xi laqam ta' xi ħadd li kien joqgħod f'dawn l-inħawi.

**FUQ IL-ĦAMRI**

L-inħawi ta' Fuq il-Ħamri huma fejn illum hem mil-belverder. Probabbli li ħa ismu billi r-raba' li kien hemm f'dawk l-inħawi kien kollu raba' ħamri.

**BALZUNETTA**

In-naħa ta' fuq ta' Triq Għajnsielem, Triq l-Imġarr, u Triq Cordina – l-inħawi ta' dik in-naħa. Il-kelma Balzunetta ġejja mit-Taljan Barcellonetta, li tfisser Barcellona żgħira.

**TA' PASSI**

In-naħa ta' fejn hemm dawk iż-żewġ passaġġi tar-riġel li jingħaqdu f'wieħed, u li mill-pjazza tas-Santwarju jieħdu għat-triq tax-xatt. Probabbli li ħa ismu minn dawn iż-żewġ passaġġi.

**IT-TERRAPIEN**

Dik il-biċċa art li tiġl bejn Triq l-Imġarr, jew kif nafuha aħna - it-triq tax-xatt – u l-Forti Chambray fejn, qabel ma saret it-triq il-ġdida fis-snin tmenin, kien hemm għad ta' siġar taż-żebbuġ. Terrapien huwa dak il-fdal ta' xaħx, laqx, eċċ, li jibqa' wara xi tqattigħ ta' blat jew ġebel. Jingħad li ħa ismu mit-terrapien li kien jitneħħa mill-foss meta kien qed jinbena Forti Chambray u li kien jintefa' f'dan il-post.

**IL-MIXTA**

Dal-post hu bejn wieħed u ieħor f'nofs it-triq tax-xatt taħt is-sies fejn hemm Wied ir-Rajjes. Qabel ma twesset it-triq, hawn kien hawn daħla taħt is-sies li fiha kien hemm siġar kbar. Mixta hi post għall-kenn mix-xita, li jista' jkun ukoll xi għar għall-bhejjem.

**WIED IR-RAJJES**

Huwa l-wied li jaqbad mill-Pjazza tad-Dehra u jibqa' nieżel sax-xatt. De Soldanis isemmih ukoll bħala l-wied ta' Għajn il-Liepru/Liebru. Rajjes tfisser kap, mexxej, wieħed li għandu ċerta setgħa li joħroġ l-ordnijiet, kaptan ta' bastiment. Liebru tfisser fenek selvaġġ. Dan il-wied huwa sabiħ ħafna; iħaddar is-sena kollha bil-qasab u pjanti oħra. Fin-naħa ta' fuq ta' dan l-istess wied insibu Għajn il-Liebru li għadha tnixxi l-ilma sal-lum, u għalhekk li hawn minn isejjaħ dan il-wied b'dan l-isem.

**TAL-FAWWARA**

Dan huwa qasam t'art li jiġl bejn Għajnsielem u l-Imġarr. De Soldanis isemmi għajn tal-Fawwara fi Triq l-Imġarr li kienet isservi biex jixorbu l-bhejjem minnha. Fir-raħal t'Għajnsielem hemm Triq il-Fawwara, li tħares fuq Wied ir-Rajjes. Mela għandna għax naħsbu li l-għajn li jsemmi De Soldanis setgħat kienet dik li llum hi Għajn Le Merchant. Fawwara hi għajn ta' ilma ġieri.

**FUQ IL-GĦAJN**

Hawnhekk qed nirreferu għal fejn kienet l-Għajn tal-Ħasselin u li minnha r-raħal ħa ismu: GħajnSielem. Din l-għajn kienet fejn illum hemm il-Pjazza tad-Dehra, mal-ġenb tal-Wied ta' Samirat, bejn wieħed u ieħor fejn hemm dik it-trejqa jew taraġ li jgħaqqad il-Pjazza tad-Dehra ma' Triq Fuq il-Għajn. Minn dan il-post nistgħu ngħidu li twieled, kiber u nfirex ir-raħal t'Għajnsielem.

**© Joseph Caruana**


Bibljografija:

**Abela Commendatore Gian Fran**
*Delle Descrizzione Di Malta*
**Agius De Soldanis Gian Piet.**
*Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu miġjub bil-Malti minn Mons Dun Ġużepp Farrugia*
**Aquilina Ġuże**
*Papers in Maltese Linguistics*
**Aquilina Ġuże**
*Maltese-English Dictionary*
**Montalto John**
*The Nobles of Malta 1580-1800*
**Serracino Inglott Erin**
*Il-Miklem Malti*
**Trump D.H.**
*Malta: An Archeological Guide*
**Wettinger Gofrey**
*Placenames of the Maltese Islands ca 1300-1800*




**Ix-Xatt: Il-port tal-Imġarr, Għawdex, għall-ħabta tal-1900**